## IL-ĦJENA TA' BEN JUSSUF

*(Ħrafa għarbija)*

Għodwa waħda Ben Jussuf irħielha għas-suq ta' belt filqrib biex jara jekk ibigħx baqra u wiżża li huwa kien rabba u semmen.

Huwa u sejjer laħqu l-lejl u, ħin bla waqt, qam riħ tal-waħx, xita bla tehda, ragħad u sajjetti ma tgħoddhomx.

L-imsejken, biex jistkenn, daħal ġo għar li kien hemm. Mita ra li x-xita flok ma hdiet żdiedet, intafa' għal qiegħ l-art biex jorqod—F'nofs il-lejl deherlu bħal ħares u b'leħen li jwaħħax qallu: "Jien ir-ruħ ta' wieħed midfun hawnhekk. Int inqast mill-qima lejn qabri għalhekk issa nieħdok miegħi d-dinja l-oħra.

Miblugħ Ben Jussuf beda jitolbu: "Aħfirli, jien b'dan ma kontx naf.... Għandi ħames ulied... ħenn għalihom... ħallili ħajti!"

"Għal did-darba kollox sew, wieġeb il-ħares, jekk int tagħmel li ngħidlek: Filgħodu mur is-suq, bigħ l-annimali li għandek miegħek u dak li ġġib mill-bejgħ tal-baqra għandek tonfqu kollu biex tarġa' tqaddes dal-qabar u ittini l-mistrieħ! Aħlef li tagħmel dan!"

U Ben Jussuf ħalef, hieni li ħelisha ħafif.

L-għada filgħodu l-għarbi fittex telaq għas-suq. Wara ftit resaq raġel lejh u staqsieh kemm irid tal-baqra.

"Ħamest ewwieq," wieġeb Ben Jussuf.

"Għalija!"

"Stenna ftit: jien ħlift li rrid inbigħ flimkien sew ilbaqra kemm il-wiżża."

"U tal-wiżża kemm trid?"

"Mitt uqija."

"Wisq, wisq! Nieħu l-baqra biss."

"Kif għedtlek: jew it-tnejn jew xejn."

Ix-xerrej ħasibha ftit u ra li wara kollox jaqbillu u għalhekk daqqlu l-flus, ħa l-annimali u telaq.

Ben Jussuf tafa' fil-but il-mitt uqija tal-wiżża, u nefaq ilħamest ewwieq tal-baqra biex jarġa' jqaddes il-qabar tal-ħares, kif kien ħalef.

D.